**27 ta' Novembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt, LL.D.**

Carmelo Zerafa

*versus*

Antonia Zammit pr. et ne.

**Kompetenza — Att tal-Kummerċ — Bejgħ tal-Ħalib — Raħħal — Mogħoż.**

*Ir-raħħal li jrabbi l-mogħoż biex ibiegħ il-ħalib tagħhom ma jagħmelx att tal-kummerċ; u lanqas ma hu att tal-kummerċ ix-xiri ta' mogħoż li hu jagħmel biex irabbihom u jbiegħ il-ħalib tagħhom; u kwindi l-kreditu għall-prezz ta' dawk il-mogħoż huwa ta' kompetenza tal-Qorti Ċivili. U ma jbiddelx din il-konklużjoni l-fatt li huwa jbiegħ xi mogħoża għax ma tibqgħax taħleb.*

*Ma jalteraх din il-konklużjoni lanqas il-fatt illi dak ir-raħħal xi żmien qabel kien xtara xi majjali biex isemminhom u jbiegħhom għal-laħam; għax iż-żmien rilevanti hu dak meta tkun saret l-operazzjoni fil-kwistjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi hu kien kreditur ta' Angelo Zammit fis-somma ta' £58. 15. 0d, bilanċ ta' prezz ta' mogħoż mibjugħa u konsenjati lill-istess Angelo Zammit; u illi, in segwitu għall-mewt tal-istess Zammit, il-konvenuta armla tiegħu assumiet "in testa propria" li tħallas retealment id-debitu għaxar xelini fix-xahar, u fil-fatt ħallset diversi rati "de proprio", iżda naqset milli tħallas diversi rati ammontanti komplessivament għal £18. 7. 6d; talab illi l-istess konvenuta tiġi kundannata tħallas lilu l-imsemmija somma ta' £18. 7. 6d; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-21 ta' Novembru 1960. u bl-interessi kummerċjali mid-data tal-imsemmija ittra uffiċjali;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Ġunju 1961, li biha ddikjarat ruħha nkompetenti "ratione materiae" li tieħu konjizzjoni tal-kawża; wara li kkunsidrat;

Id-debitu tal-imsemmi Angelo Zammit lejn l-attur kien għall-prezz ta' mogħoż. L-attur jallega illi l-istess Zammit kien qiegħed iħallsu b'rati mensili, "kif kien ikun jista'", billi kulltant kien jagħtieh £1 fix-xahar u kulltant aktar, u li meta miet kien fadallu jagħtieh £58. 15. 0d;

Angelo Zammit kien ibiegħ il-ħalib, u dan biss kien xogħolu, u b'dan ix-xogħol biss kien imantni l-familja. Kien, kif qalu x-xhieda, raħħal;

Ir-raħħal mhux kummerċjant, sakemm xogħolu jibqa' biss dak li jieħu ħsieb tal-merħla u jbiegħ il-ħalib tagħha, u ma jkunx assuma, kif ma assumiex fil-każ preżenti, l-element tal-ispekulazzjoni, il-karattru ta' impriża ta' natura kummerċjali, per eżempju dik ta' fornitura ta' ħalib; u meta r-raħħal jixtri xi nagħaġ jew mogħoż biex jissostitwihom għal dawk li jkunu mietu jew li ma jkunux jaħalbu aktar, jew, magari, biex ikabbar il-merħla u b'hekk jottieni l-aktar utili li jista' mill-opera tiegħu, hu ma jkunx qiegħed jagħmel attijiet kummerċjali; dejjem, naturalment, sakemm hu jibqa' raħħal u sempliċi venditur tal-ħalib, u ma jkunx sar spekulatur bl-eżerċizzju ta' l-industrija tiegħu, li f'dak il-każ tassumi karattru ta' impriża kummerċjali, kbira jew żgħira kif tkun, u tagħmel lilu kummerċjant u attijiet kummerċjali dawk l-akkwisti;

Dawk l-akkwisti jiġifieri x-xiri ta' annimali għall-merħla, li jagħmel ir-raħħal, sakemm jibqa' raħħal, ma jidħlux f'dawk l-attivitajiet li għalihom jirriferixxi l-art. 5(a) tal-Kodiċi tal-Kummerċ; il-għaliex, meta r-raħħal jixtri l-annimali, ma jixtrihomx bil-ħsieb li ibiegħhom jew jikrihom, u l-element intenzjonali ta' spekulazzjoni neċessarju wieħed għandu jsibu fil-mument tal-akkwist. Dak li r-raħħal ibiegħ hu l-ħalib, li naturalment jipproduċi l-annimal mingħajr ebda manifattura jew ħidma tiegħu fuq il-ħaġa li jkun akkwista, naturalment fis-sens intiż mill-imsemmi artikolu tal-liġi, billi hu risaput li dak l-artikolu jalludi għall-opera tax-xerrej fuq l-istess ħaġa akkwistata;

Fil-ġurisprudenza tagħna ma jonqsux każijiet meta l-akkwist ta' mogħoż għall-bejgħ tal-ħalib tagħhom ġie ritenut att tal-kummerċ; kif, per eżempju, fis-sentenzi "Sultana vs. Tabone" u "Xuereb vs. Calleja" (Kollez. XX-II-353 u XXXI-II-209 rispettivament); però dawn l-apparenti antinomji aktarx li jistgħu jiġu ġustifikati miċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, għaliex, inveru, jiddependi miċ-ċirkustanzi jekk ix-xogħol jassumix jew le l-importanza, il-karattru ta' impriża, jekk jidħolx jew le l-element tal-ispekulazzjoni; u difatti fl-imsemmijin sentenzi jew jissemmew, jew hemm riferenza għaċ-ċirkustanzi partikulari ta' dawk il-każijiet;

- Imma anki jekk Angelo Zammit kien kummerċjant, anki jekk id-dejn tiegħu kien ta' natura kummerċjali, il-kummerċjalità ta' dak id-dejn spiċċat bin-novazzjoni li ġiet operata wara l-mewt; liema novazzjoni tikkostitwixxi t-titolu taċ-ċitazzjoni u miċ-ċirkustanzi li rriżultaw;

Inveru, l-attur jippretendi li meta miet Angelo Zammit sar ftehim bejnu u l-konvenuta li in forza tiegħu din assumiet "in testa propria" id-debitu li kien ta' Angelo Zammit, u obligat ruħha li tħallsu b'rati mensili, inferjuri għal dawk li kien iħallas id-debitur oriġinarju, imma f'somma fissa u ċerta li ġiet stabbilita;

Ma kienx hemm ċertament novazzjoni oġġettiva bil-kambjament tal-import tar-rati jew bil-fissazzjoni ta' rata certa; għaliex il-modifikazzjoni arrekata għall-mod tal-pagament ma talterax fl-ebda manjiera d-debitu, u kwindi ma toperax novazzjoni oġġettiva; imma kien hemm novazzjoni soġġettiva bil-kambjament tad-debitur, li fil-każ preżenti ġiebet ukoll novazzjoni oġġettiva billi d-dbiddil fil-persuna tad-debitur arreka mutament fin-natura tad-debitu, li jekk qatt kien kummerċjali, b'dan it-tbiddil sar ċivili, kif jingħad aħjar aktar il-quddiem;

Kien hemm, fil-każ, novazzjoni soġġettiva; għaliex, kif jirriżulta soddisfaċentement miċ-ċirkustanzi, dbiddel id-debitur oriġinarju billi minfloku daħlet il-konvenuta u hu ġie liberat mill-attur, li rrikonoxxa lill-konvenuta bħala unika debitriċi tiegħu riferibbilment għal dak id-dejn, u dan

hu biżżejjed biex topera ruħha n-novazzjoni, billi ma hemmx bżonn tal-kunsens tad-debitur oriġinarju, anzi n-novazzjoni ssir kontra l-volontà ta' dak id-debitur;

Din in-novazzjoni estingwiet id-debitu oriġinarju u kkreat debitu ġdid kontra l-konvenuta — hekk jippretendi l-attur; u dan il-kreditu ġdid, kif jgħidu l-awturi, ma jikkonservax l-indoli kummerċjali — dak li ġie rikonoxxut anki fil-ġurisprudenza patrija (Kollez. Vol. XVI-II-370, u ħafna oħra);

Rat ir-rikors tal-attur, li bih talab li din il-Qorti tiddikjara liema hi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-kreditu reklamat mill-attur hu għall-prezz ta' mogħoż mibjugħin lil żewġ il-konvenuta, il-lum mejjet, għall-ħalib. Dan il-bejgħ sar fl-1951 jew ftit qabel. L-attur stess xehed (fol. 40) illi żewġ il-konvenuta kien bil-mogħoż, ibiegħ il-ħalib, iservi l-Gvern, u meta jfettillu kien ibiegħ xi mogħża. Il-mogħoż ma kienx jixtrihom biex ibiegħhom". Bin l-attur, Paolo Zerafa, xehed illi żewġ il-konvenuta kien raħħal, kien jirgħa l-mogħoż, u jbiegħ il-ħalib . . . . . . (hu) kien miżmum bħala raħħal" (fol. 40 tergo). Il-konvenuta xehdet:— "Żewġi kien raħħal, u kien ibiegħ il-ħalib biss, u ma kien jagħmel ebda negozju" (fol. 41). Il-fatt li hu kien ibiegħ xi mogħża li ma kienetx tibqa' taħleb ma jagħmel ebda differenza. Lanqas jagħmel ebda differenza, għall-finijiet ta' din il-kawża, il-fatt depost quddiem din il-Qorti mill-attur, illi xi tmienja jew disgħa snin qabel ma sar in-negozju in kwistjoni, żewġ il-konvenuta ġie li kien xtara xi majjali biex isemminhom u jbiegħhom għal-laħam. Iż-żmien rilevanti hu dak ta' meta sar in-negozju "de quo";

Dak iż-żmien, skond il-provi, Angelo Zammit ma kienx ħlief raħħal li jżomm il-mogħoż biex ibiegħ il-ħalib tagħhom;

Din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Onorabbli Qorti illi, f'dawn iċ-ċirkustanzi, Angelo Zammit ma kienx kummerċjant, u x-xiri ta' mogħoż ma kienx att tal-kummerċ. Id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti hi konformi għal dik mogħtija fis-sentenza "Saliba vs. Mula" tat-3 ta' Diċembru 1954 (Vol. XXXV-I-262), fejn intqal:— "Min ibiegħ il-ħalib fid-djar ma jistgħax jiġi meqjus kummerċjant, u dak l-att tal-bejgħ ma jikkostitwix att tal-kummerċ". F'dak il-każ, ukoll, il-kreditu tal-attur kien għall-prezz ta' annimali (preżumibbilment mogħoż jew baqar) għall-ħalib. Din kienet, sa fejn jidher, l-aħħar ġurisprudenza;

In vista ta' din il-konklużjoni ma hemmx bżonn jiġu eżaminati kwistjonijiet oħra; jekk, ċjoè, kienx hemm novazzjoni, bl-allegata assunzjoni tad-dejn da parti tal-konvenuta, u, fil-każ li kien hemm novazzjoni, x'inhuma l-effetti tagħha;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, u tiddikjara illi l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li lilha għandhom jiġu mibgħuta l-atti;

L-ispejjeż tal-inċident iħallashom l-attur.